MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2015

Numru 79/2014

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Carlton Mifsud**

Numru 79/2014

Illum 11 ta' Marzu 2015

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Carlton Mifsud**, ta' wiehed u ghoxrin (21) sena, iben Francis u Mary Jane neé Mercieca, imwieled ir-Rabat, Ghawdex, nhar id-19 ta'

Frar 1993, residenti fil-fond numru 3, Triq l-Imgarr, Xewkija, Ghawdex u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 15493(G), akkuzat talli nhar it-13 ta' April 2014 gewwa ghalqa li tinsab fix-Xaghra, Ghawdex u f'postijiet ohra f'dawn il-Gzejjer hekk ghall-habta tat-tlieta' ta' wara nofsinhar (15.00hrs):

1. mingħajr liċenza tal-Pulizija, ta n-nar jew spara maskli, bombi, sufarelli, jew xogħlijiet tan-nar ta' kull xorta li jkunu, inkella tella' blallen bin-nar jew, in ġenerali, għamel esplożjoni jew nar li jista' jkun ta' perikolu, f'kull post li jkun;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kontra d-disposizzjonijiet tat-Taqsima I tal-Kapitolu 33 tal-Ligijiet ta' Malta garr minn post għall-ieħor porvli tal-isparar jew esplożivi;

3. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi mmaniggja jew thalla jimmaniggja xi xoghlijiet tan-nar, jew inkella qaghad jitlajja fil-permetru ta' fabbrika tax-xoghlijiet tan-nar, minghajr ma kellu licenzja A jew B;

4. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi haraq xoghlijiet tan-nar minn xi post kemm-il darba l-post ma kienx dak approvat ghal dak il-ghan skont licenzja mahruga taht l-Ordinanza;

5. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi haraq bombi tal-ajru minghajr il-permess tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Il-Qorti giet mitluba illi, f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena tordna ukoll il-konfiska tal-*corpus delicti* u dan skont hekk kif provdut fl-Artiklu 40 tal-Kapitolu 33 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom

x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Dok. "C").

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi, meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati lill-imputat, l-ammissjoni bikrija tieghu, il-ko-operazzjoni tieghu mal-Pulizija meta rrilaxxa l-istqarrija tieghu (Dok. "E") u, kif ukoll, il-fedina penali (Dok. "B") tieghu, li hija wahda kompletament nadifa.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikoli 24, 30 u 40 tal-Kapitolu 33 tal-Ligijiet ta' Malta u Regolamenti 7(1), 14 u 18 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 33.03, issib lill-imputat Carlton Mifsud hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta' sena prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-istess Kapitolu 9 qed jigu sospizi ghal perijodu ta' sena.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sena.

Il-Qorti tordna l-konfiska tal-kanna tal-hadid tal-hames (5) pulzieri li ssir riferenza ghaliha f'Dok. "F" ezebiet fis-seduta tallum u li giet ezebita formalment mill-Prosekuzzjoni.

Finalment, il-Qorti tichad it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputat jigi ordnat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet

ta' Malta *stante* li ma gewx imqabbda l-ebda esperti f'dawn il-proceduri.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------